KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
Tmien LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 53** **Tlieta 8 ta' Novembru 2022**

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-6:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Perit Christopher Grech - Sindku
Rachel Abela - Viċi Sindku
Keith Cassar - Kunsillier
Francis Deguara - Kunsillier
Dott. Angele Rapa - Kunsillier
Joseph Gatt- Kunsillier
Aiken Zerafa - Kunsillier
Mario Victor Camilleri - Kunsillier
Mikhail Micallef - Kunsillier
Danny Farrugia - Kunsillier
George Borg - Kunsillier
Anna Galea - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Maria Pia Bonnici - Kunsilliera

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Lorraine Templeman - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**
Is-Sindku Chris Grech ippreseda l-laqgħa.

**53.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsilliera Bonnici. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsilliera Bonnici.

**53.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti nru 52**
**REF: 37.4.14 Triq Durumblat**
Is-Sindku nforma li kien hemm applikazzjoni fuq esproprjazzjoni ta' art li mhux tal-Gvern min Infrastructure Malta (IM), mil eks CEO. Il-Lands kienu fetħu file u kienu bdew il proċess fejn kien hemm evalwazzjoni, li kienet tiswa madwar €10,000, però is-CEO preżenti nforma verbalment lis-sindku li mhux ħa jipproċedi b'esproprjazzjoni ta' din il biċċa art privata li hija agrikola, għax in prinċipju ma jaqbilx u anke ikkonferma dan b'imejl lil Lands li mhux interessati aktar. Is-Sindku wieġeb lil Lands jekk jistgħux ikomplu b'dan il-proċess li diġà huwa mibdi bħala Kunsill .

Is-Sindku propona lill-Kunsilliera jekk jaqblux li jkompli bil-proċess il-Kunsill. Informa li huwa qed jistenna l-istima uffiċjali mill-Lands u r-risposta jekk jistgħux ikomplu bil-proċess il-Kunsill. Il-membri preżenti qablu li jkompli bl-esproprjazzjoni il-Kunsill, jekk is-somma tkun anqas min €20,000. Jekk is-somma tkun aktar is-Sindku jerġa jressaq il proposta quddiem il-membri tal-Kunsill.

**REF: 44.3.4 – Kommunikazzjoni – Byelaw Ġnien l-Għarusa tal-Mosta**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li għad hemm xi dokumenti li jridu jiġu mimlija b'figuri, dikjarazzjoni mil-accountant eċċ, kif wkoll għad jrid jiġi mħejji rapport ta' tlett snin.

**REF: 46.6.1 Arbitraġġ PAMA u Tal-Ġeneral Co. Ltd.**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li saret l-ewwel seduta rigward l-arbitraġġ tal-PAMA fejn kienu konfermati d-dokumenti, u l-partijiet fejn sar qbil li qabel ma titħabbar is-seduta li jmiss, issir laqgħa bejn l-avukati, l-Kunsill u l-PAMA, biex nibdew nittrattaw.

Rigward Tal-Ġeneral is-Sindku nforma li saret laqgħa amikevoli flimkien ma l-avukati taż-żewġ partijiet, s-Sindku, s-Segretarju Eżekuttiv, u l-kuntrattur tal-Ġeneral. Qed nistennew risposta mil-avukat tal-Ġeneral dwar l-offerta li saret mil-Kunsill skond ir-rapport indipendenti mħejji mil-Perit Maurice Galea, fejn kien għamel tlett proposti. Is-Sindku qal li hemm ħdax il-sena interessi li telgħu aktar mill-ammont li għandu jieħu tal-Ġeneral.

Is-Sindku nforma li jekk immorru b'waħda mit-tlett opzjonijiet li ssuġġerixxa l-Perit Galea, dik bl-opzjoni ta' lanqas ammont multi, bl-interessi b'kollox is-somma dovuta titla għal €215,000. Tal-Ġeneral, bla preġudizzju, aċċetta li jithallas bin nifs għal ħames snin fejn ma jkunx hemm aktar interessi. Tal-Ġeneral qed jitlob €280,000, u s-Sindku baqa' jsostni dik l-offerta ta' €215,000. Is-Sindku nforma li forsi naslu biex nagħlqu imma għadna qed nistennew risposta mill-avkat tal-General.

Fis 6:15pm daħal għal-laqgħa l-Kunsillier Cassar.

Is-somma offruta ta' €215,000 hija skont ir-rapport tal Perit Maurice Galea, liema somma skont ir-rapport tal-Perit Galea hija l-aktar vantaġġuża għal tal-Ġeneral, min naħa tal-Kunsill hemm il-vantaġġ li nħallsu bin nifs u mingħajr aktar interessi għax is-somma tkun maqbula. L-Avukat tal-Ġeneral, nforma li kontrina hemm iċ-ċertifikazzjoni tal-Perit tal-Kunsill, li tgħid differenti min dak li qed jingħad fir-rapport tal-Perit Galea, fejn il-Perit tal Kunsill kien iċċertifika aktar xogħolijiet min dak li hemm fir-rapport tal-Perit Galea. Is-Sindku żied jgħid li jista' jkun li l-ħdax il sena interessi jiġu anqas jekk nipproċedu bil-qorti, għaliex kien hemm żmien li l-parti l-oħra damu biex jittrattaw, kien hemm żmien fejn il-qorti ma ltaqax minħabba l-pandemija tal-Covid, imma dan kollu jiddependi mil-Imħallef.

**REF: 46.4.5 Kommunikazzjoni - Pjanti Triq Difiża Ċivili**
Is-Sindku nforma li ma hemmx xi jżid, iżda nforma lil Infrastructure Malta (IM), li l-Kunsill qabel fuq il-proposta ta' IM li jsir il ġibjun taħt il parkeġġ, fejn IM qed jevalwaw l-ispiża u l-possibbiltà ta' esproprjazzjoni minħabba x-xelter nukleari li hemm ftit il-bogħod.

Is-Sindku ta' *update* dwar it-traffiku taz-zona, li min ġej min-naħa tal-pont, it-tieni fażi ta' triq Difiża Ċivili, mil-LIDL lejn il-pont hija magħluqa min naħa tal-pont, fejn is-sewwieqa jridu joħorġu min triq Sir Arthur Borton. Triq Sir Arthur Borton qed tkun mimlija vetturi u *heavy vehicles,* u biex wieħed joħroġ għal triq il-Kostituzzjoni qed jkun hemm ħafna traffiku. Is-

Sindku żied jgħid li biex tkun indirizzata din il-problema. Il-kumitat tat-*traffic management* pproponew li t-traffiku ta' Fort *street* tibqa ħiereġ lejn triq il-Kostituzzjoni, mhux min triq Sir Arthur Borton. Dawk ir-residenti ta' Tarġa Gap biex jidħlu u joħorġu, jistgħu jidħlu min triq il-Qares fejn titneħħa l-*one way* li bħalissa qegħda bil-kontra, jew min fejn il-Miracle Foods. Il-Kunsillier Cassar issuġġerixxa biex jsiru tabelli ta' *no heavy vehicles,* u residenti jkollhom aċċess biex jidħlu u joħorġu min fejn il-Miracle Foods.
Is-Sindku nforma li fil-parti li tidħol mil-Miracle Foods, it-toroq Triq Nikol Muscat u Triq Filippo Apap Bologna, qegħda *two way*, u għalhekk din għanda tiġi Sistema ta' *one way,* biex il-vetturi jkunu jistgħu joħorġu min mal-BETA. Il-Kunsillier Cassar nforma li għar-residenti din hija temporanja, minħabba triq Difiża Ċivili. Is-Sindku propona li għandna napplikaw ma TM biex din is-sistema ta' one way f'dawn iż-żewġ toroq tiġi permanenti kif iridu r-residenti. Sar qbil li napplikaw ma TM biex din is-sistema sseħħ.

Is-Sindku nforma li Fort *street* tkun *one way* kollha il-barra, min naħa tas-Sur Zammit sal-pont. Il-Kunsillier Cassar issuġġerixxa li minħabba l-*coaches* tal-Paramount, l-aħħar biċċa min fejn is-Sur Zammit sar-*roundabout* tal-pont tkun *two way* biex jkunu jistgħu jikwartjaw il-*coaches.* Is-Sindku nforma li ser jirranġa l-pjanta, biex min fejn is-Sur Zammit u l-RS2 sal-pont tibqa *two way.*

Il-Kunsillier Cassar nforma li triq in-Naġġar hija *two way,* u bil-vetturi pparkjati fuq iż-żewġ naħat tat-triq ma tistax tibqa *two way*, għax ħa jiżdied it-traffiku bit-tibdiliet temporanju. Fil-fatt hemm *double yellow line* u l-vetturi xorta qed jipparkjaw b'mod illegali, u għalhekk hemm bżonn ta' *enforcement.*

**REF: 46.4.13 Kommunikazzjoni – Ħasil tal-Pjazza**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li saret lista ta' ħasil tat-toroq. Kien hemm xi *works orders* li ġew ikkanċellata u mhux inklużi fil-lista, b'rabta ma' dawk li konna konxji fejn xogħlijiet ta' ħasil ma sarux. Din il-lista ġiet konfermata mil-*handyman* tal-Kunsill u mil-Kunsilliera Bonnici.

**REF: 46.4.15 Kommunikazzjoni – Elles Urban Services**
Is-Sindku nforma li saret laqgħa mal-kuntrattur, biex jkunu konklużi r-rati u jipprovdi *programme of works* ta' kif ser jibda x-xogħolijiet. Il-kuntrattur ikkonferma li ser jibqgħu jsiru x-xogħolijiet skond ir-rati stipulati fit-tender, fejn il-kuntrattur sab ħaddiema oħra li jkunu jistgħu jgħinuh fix-xogħolijiet. Il-kuntrattur għandu jibgħat bil-miktub li ser jibqa' jaħdem bir-rati stipulati fit-tender. Waqt il-laqgħa mal-kuntrattur ġew iċċekkjati ix-xogħolijiet u ċertifikazzjonijiet tal Perit.

Dwar it-toqob tan-nar Il-Kunsillier Cassar qal li ma jistax jkun li saru it-toqob għal-arbli tan-nar għax ma hemmx 44 toqba, u għalhekk ġie mitlub sabiex l-pagament b'referenza 3290 li jammonta għal €8,169.84 jinżamm *on hold* sakemm dan ix-xogħol jkun ikkonfermat li sar.

Is-Sindku nforma li bħalissa l-kuntrattur qed jagħmel il-bankini ta' triq it-Trinċetta, triq il-Mitħna u ser jagħmel il-bankina ta' fejn il Ġnien Victor Calvagna u parti minn Triq San Gwann. Is-Sindku żied jgħid li biex il-bankina biswit Ġnien Victor Calvagnia tkun 1.2m, ħa nibdlu biċċa bankina oħra minn tarf Triq il-Bdoti sa tarf Triq Wignacourt, biex b'hekk il-linja tal-bankini jkunu *in-line.*
Saret diskussjoni u l-membri preżenti qablu li l-kuntrattur għandu ta' l-inqas jlesti proġett wieħed f'xahar mill-proġetti tad-DPF. Is-Sindku għandu jagħmel laqgħa mall-kuntrattur.

**REF: 46.5.4 Ġnien Grognet de Vasse u Ġnien 15 t'Ottubru**

Is-Sindku nforma li nġabru tlett kwotazzjonijiet u ġew ordnati 52 bank għaż-żewġ ġonna biex jinbidlu l-qodma, inkluż żieda fil-*landscaping* fiż-żewġ ġonna. Is-Sindku żied jgħid li fi Ġnien 15 ta' Ottubru, hemm *area* ċentrali bir *rubber flooring* antik u mtella mil l-art, u għalhekk talab xi ideat biex fin nofs jsir xi ħaġa oħra li tkun *recreational area* b'affarijiet oħra.

Fis 6:55 daħlet għal-laqgħa l-Kunsilliera Rapa.

Is-Sindku nforma li ġab stima (MST071122) biex f'din iż-żona isir *Rubber Flooring Cast in Situ* simili bħal ma sar u *play equipment* liema stima tiswa €44,383.34 inkluż VAT . Mall-istima hemm stampa tal-*play equipment*. Stima tkopri *Rubber Flooring Cast in Situ, spring toy* u torri b'żurżieqa kif hemm fi ġnien Reggie Cilia.

Kunsilliera qablu li għalissa mhux ser nonfqu dan l-ammont apparti l-fatt li trid tippubblika tender. Il-Kunsillier Cassar issuġġerixxa li kieku l-*area* titwitta bil-ħamrija, li tiġi livell ma fuq. Is-sindku qal li hemm diġà biżżejjed żoni ta' landscaping u fil-verità hemm bżonn aktar spazji fejn jilgħabu t-tfal għax anke residenti kkummentaw li huma ftit iż-żoni fejn jistgħu jilgħabu t-tfal.

Saret diskussjoni dwar x'jista' jsir u ġie ssuġġeriet li jsir jew xi ħaġa għal-persuni bi bżonnijiet speċjali, jew xi haġa għal-kbar, għax għat tfal diġà għandna ġonna li fihom *equipment* għat-tfal. Tkompliet id-diskussjoni ta' x'jista' jsir, fejn is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex tibgħat ritratt tal-post biex il-Kunsilliera jkunu jistgħu jaħsbu ftit x'nistgħu nagħmlu differenti u mhux dejjem bandli għat-tfal, apparti li aktar il-fuq fl-istess ġnien diġà ġew installati bandli ġodda għat-tfal.

Is-sindku nforma li temporanjament f'din il-parti kbira, fin-nofs tagħha hemm tapit kaxxi kaxxi kollu mtellgħa u spiċċut u għalhekk informa li talab il-kuntrattur tal-*Landscaping* tal-Kunsill biex jaqla' l-madum tan-nofs, jaqla l-madum ta' taħtu, jintrema u minfloku jingħata l-konkos livell mall-madum l-ieħor. Wara fuq din il-parti t-tonda kollha kemm hi li tkun ġiet livell għandu jitpoġġa tapit tat-turf ħalli jkunu jistgħu jilgħabu t-tfal sakemm niddeċiedu jekk hux ser inżidu xi *play equipment*. Is-Sindku informa lill-Kunsilliera wkoll li hemm bżonn riparazzjoni ta' xi ħitan f'dan il-ġnien li ser isiru wkoll.

Is-Sindku nforma li l-kwotazzjoni għal-plakkek taż-żewġ ġonna min €8,496 inkluż VAT, ġibna kwotazzjoni oħra li jammontaw it-tnejn għal €5,000 inkluż VAT. Il-membri preżenti approvaw il-kwotazzjoni ta' €5,000 inkluż VAT, għal-żewġ plakkek/monumenti. Apparti dawn hemm ukoll plakka żghira bil-kliem fuqha li kienet eżistenti mwaħħla fuq pedestal fid-dħul ta' dan il-ġnien li tkissret. Din trid issir ġdida u terġa teħel.

**REF: 48.3.2 Kommunikazzjoni: Ġnien Victor Calvagna**

Is-Sindku nforma li għadna ma rċevejna xejn minn Ambjent Malta, dwar kemm kwotazzjoni kemm ser tkun l-ispiża ta' manutenzjoni. Il-Viċi Sindku Abela nformat li min Jannar dan il-ġnien ser jieħdu ħsiebu Parks Malta.

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat, li d-DLG mhux ser jagħti żieda fl-allokazzjoni, u talbu l-Kunsill biex jipprova jiġġenera qligħ min *bye-laws,* u affarijiet oħra. Is-Sindku nforma li ma jsibx oġġezzjoni li jieħdu ħsiebu Ambjent Malta jew Parks Malta.

**REF: 48.3.8 Kommunikazzjoni: Coring Works fi triq il-Bażilika**
Is-Sindku nforma li kellu jmur il-*handyman* tal-Kunsill biex jiġbor il-pagament. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex tiċċekkja jekk ir-resident ġiex iħallas €141.60 bil-VAT.

**REF: 48.3.14 Kommunikazzjoni: Survey tal-Pjazza/Constitution/Main Str**
Is-Sindku nforma li x-xogħol ta' *survey* dwar *timed parking* tlesta u għandu jintbagħat biex jkun diskuss fit-*Traffic Management Committee*, imbagħad jitressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

**REF: 49.3.2 Kommunikazzjoni: Ċirkulari Numru SPI/SCI/8/2022 Finanzjament Milied 2022**
Il-Kunsillier Camilleri nforma li bdew jaħdmu fuq il programm, fejn saret laqgħa ma l-għaqdiet flimkien mas-Sindku u l-Kunsillier Cassar. Il-Kunsillier Camilleri nforma li l-programm ser jibda fid-9 ta' Diċembru bi sfilata tal-Milied, fejn il-ftuħ ser jsir mil-banda Santa Marija. Fid-9, l-10 u 11 ta' Diċembru ser jsir il-*christmas village* fl-Oratorju Qalb ta' Ġesù, u fit-18 ser jingħalaq il-programm bil-kunċert tal-Milied, li ser jsir mil-banda Nicolo Isouard. Il-Kunsillier Camilleri nforma li bħala permessi qed jieħu ħsieb Ġovann. Is-sindku qal li jekk hu possibli nġibu banda żgħira dak inhar li nixgħelu d-dawl, issa li anke hemm fondi mill-MTA.

**REF: 49.3.6 Kommunikazzjoni: Award Letter M4.3**
Is-Sindku nforma li qed jistenna mingħand il Perit tal-Kunsill biex jibgħat verżjoni tas-*survey* f'ACAD li għandu jibgħatha din il-ġimgħa, u biex jiltaqgħu ħa jiddiskutu l-proposta mbagħad tiġi ikkorreġuta l-BOQ skond il-proposta.

**REF: 49.3.8 Kommunikazzjoni: Notice**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-impjegat Shaun Theuma Marshall għadu ma ħallasx il-pagament dovut tan-*notice period,* u għalhekk ser tintbagħat tfakkira, u jekk jibqa' ma jħallasx, tintbagħat ittra legali.

**REF: 49.03.14 Kommunikazzjoni: Ħmieġ fil-Housing Estate**
Is-Sindku nforma li ltaqa mal-Kunsillier Farrugia u l-kuntrattur tal-knis, fejn daru bosta żoni fejn hemm il-ħmieġ u anke żoni ta' *soft areas* fejn hemm illegalitajiet li hemm fil-*Housing Estate,* fosthom zoni magħluqin bil-*fencing* u kkapparrati. Is-Sindku nforma li fejn hemm post pubbliku magħluq bil-*fences,* ser jitneħħew u ser jitnaddaf, kif wkoll ser jinqata' l-ħaxix ħażin. Huwa ma jaqbilx li residenti jieħdu *soft areas*, jdawruhom b'*fence* u jagħmluhom tagħhom. Il-Kunsill qatt ma għandu jippermetti li jsir dan.

Is-Sindku nforma li l-kwotazzjoni hija ta' €2,200 eskluż VAT. Il-membri preżenti approvaw il-kwotazzjoni ta' €2,200 eskluż VAT.

**REF: 49.3.15 Kommunikazzjoni: Proġett ta' Junctions Vjal Indipendenza/Triq il-Kbira**
Is-Sindku nforma lil Infrastructure Malta (IM) li l-membri tal-Kunsill kienu approvaw il-pjanti tar-*roundabouts ta'* Vjal l-Indipendenza u *l-junction* ta' San Silvestru. Ir-*roundabouts* huma waħda fil-*junction* ta' triq il-Kbira k/m Vjal Indipendenza u l-oħra ħdejn Ventur. Fuq dan il-proġett komplut, sar *Road Safety Audit* indipendenti ikkummissjonat minn (IM), fejn kienu ppreżentawħ lil Transport Malta (TM) għal-approvazzjoni. Dan ġie approvat minn TM. Il-*junction* ta' triq il-Kbira bdiet, u għanda tkun lesta fl-ewwel ġimgħa ta' Diċembru.

Il-Kunsillier Cassar staqsa kif baqa' ta' Cauchi bl-ilma li kien qed jidħollu. Il-Kunsillier Camilleri nforma li għadu qed jidħollu l-ilma, u s-Sindku nforma li ser tkun indirizzata min Infrastructure

Malta, kif tibda it-tielet fażi. Sakemm tinbeda t-tielet fażi f'Jannar u jestendu l-*culvert* mhux ser tissolva din il-problema.

**REF: 49.4.7 Bring-In-Sites**
Is-Sindku nforma li saret laqgħa ma l-ERA, fejn legalment irridu nagħmlulhom bil-fors. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret lill-membri preżenti li hemm bżonn issir il-lista tas-siti l-oħrajn, u fakkret lis-Sindku biex jipprovdi *location* taż-żewġ siti li diġà ġew maqbula mill-membri tal-Kunsill li huma Fort Street u Ġnien l-Għarusa tal-Mosta.
Is-Sindku nforma li jrid jkollna tmien siti min għaxra, fejn żewġ siti jrid jkun hemm żewġ *sets (8 skips)*, u wegħduna li dawn ser jkunu *monitored* b'CCTV kameras, bl-infurzar jsir min naħa tagħhom.

Saret diskussjoni dwar is-siti, fejn is-Sindku nforma li dawn jridu jkunu fejn ma jitteħidx parkeġġ. Is-Sindku nforma lis-Segretarju Eżekuttiv li ser jibgħat il-*location points* ta' Fort Street u Ġnien l-Għarusa tal-Mosta.

**REF: 50.3.7 Major Patching**
Is-Sindku nforma li hemm il-permess tal-RWP1 fis-sistema min naħa ta' Infrastructure Malta (IM), fejn għandhom jibdew mil-parti t'isfel fit-23 ta' Novembru, mil-pjazza sa Lord Nelson, imbagħad hemm permess ieħor ta' Triq Bażilika kantuniera ma Triq il-Ħtajriet. Ix-xogħol ser isir min żewġ kuntratturi differenti matul il-lejl.

**REF: 50.3.8 Summer Breaks min Xogħolijiet ta' Kostruzzjoni.**
Is-Sindku nforma li kellu laqgħa mas-CEO tal-MTA is-Sur Carlo Micallef, fejn is-Sindku ressaq talba biex *summer breaks* fil-Mosta jkunu f'toroq li hemm fiċ-ċentru tal-Mosta għal-skavi u demolizzjonijiet, mil-15 ta' Ġunju sal-15 ta' Settembru, ħlief f'każijiet fejn proprjetà tista' tkun ta' periklu, fejn f'dawn il-każijiet jrid jintalab permess speċjali.

Is-Sindku nforma li talab biex il-pjazza tkun ikkunsidrata wkoll Żona Turistika, fejn skont riċerka jidher li l-Mosta biss żaruha 900,000 turist fejn il-maġġor parti kbira tagħhom ikunu żaru l-Bażilika. Is-Sindku żied jgħid li dawk iz-zoni turistiċi jieħdu aktar fondi, u awtomatikament jaqgħu taħt is-*Summer Breaks.*

Is-Sindku nforma li s-Sur Micallef talbu *site plan* li tindika z-zona turistika, biex tkun ikkunsidrata mil-bord. Is-Sindku kompla jispjega li hemm wkoll ħlas ta' liċenzja addizzjonali għal-ħwienet ta' l-ikel, lukandi u *guest houses,* li jkunu f'żoni turistiċi.

Il-Kunsillier Cassar talab biex ma din it-talba nerġgħu ntellgħu t-talba biex il-Mosta tkun belt, fejn il-Kunsillier Camilleri nforma li din it-talba tista' ssir flimkien ma l-għaqdiet.

Fis 7:30pm saret sospensjoni ta' l-aġenda biex ngħaddu *item* 53.3.7 Skema ta Għajnuna għal Tiżjin tal-Milied fil-lokalità 2022-2023.

**REF: 50.3.10 Agreement RS2**
Is-Sindku nforma li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iridu jmorru jiffirmaw il-kuntratt u jkun diskuss il-materjal li jrid jkun hemm biex tinħadem il-*mobile app.*

**REF: 50.4.2 Parking *Rubber Stoppers* fi Triq it-Torri**
Is-Sindku nforma li dawn tlestew. Dawn inbidlu ma oħrajn iżgħar kif mitlub biex l-ilma tax-xita ma jeħilx u jmur faċilmet lejn il-gutter tal-ilma tax-xita.

**REF: 50.4.6 Active Ageing & Community Care: MOU Dementia Group**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-MoU ġie ffirmat, u ntbagħat biex jkun iffirmat min-naħa tad-Dementia Group.

**REF: 50.4.8 MOU Outdoor Gym**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li għad ma rċevejniex *draft* tal-MoU biex jkun iffirmat, u għalhekk ħadet nota biex tibgħat tfakkira.

**REF: 50.5.6 – Phase 3 Lighting Pjazza**
Is-Sindku nforma li tkellem ma l-Inġinier Ronnie Bezzina fejn informah li l-Curia mhux ħa tagħtihom permess biex ir-rifużjoni tal-VAT jużawha fi triq li hija pubblika, u ser jkunu diskussi l-opzjonijiet u l-possibbiltà biex jsiru d-dwal.

Is-Sindku nforma li l-unika possibbiltà li qed jara huwa fejn bħal ma għamilna fuq il-bankina tal-qawwi, inqabdu l-kuntrattur ta' Infrastructure Malta (IM). Il-Kunsillier Cassar nforma li opzjoni oħra tista' tkun li jintalab permess lid-DLG.

Fis-7:40pm il-Kunsillier Camilleri talab biex jkun skużat mil-laqgħa.

**REF: 52.3.1 Proġetti fil-Kommunitajiet LESA**
Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li għal din l-iskema tal-LESA, Proġetti fil-Komunitajiet 2021-2023, applikajna għal proġett tad-dawl ta' fuq u taħt il-pont, li jammontaw għal €92,150 eskluż VAT. L-iskema toffri 80% ta' l-ispejjeż sa massimu ta' €80,000.

**REF: 52.3.2 Ċirk AKL 2022/87 – Proġett 30 Anniversarju Gvern Lokali**
Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret lil-membri preżenti, li l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali (AKL) ser tkun qed taħdem fuq proġett sabiex jiġi mfakkar it-tletin anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali ġewwa Pajjiżna. Proġett li jkun tal-Kunsilliera u Kunsilli Lokali, li se jkunu qed jagħtuh bixra Nazzjonali u Internazzjonali. L-AKL qed jitolbu lil kull lokalità tindika liema hi dik ix-xi ħaġa li hija sinonima jew tirrapreżenta l-lokal tagħha.
Il-membri preżenti unanimament qablu li nressqu l-Bażilika tal-Mosta bħala l-monument li l-aktar tirrapreżenta l-lokalità tagħna.

**REF: 52.3.4 Regjun Tramuntana Libraries Assistance Scheme 2022-3**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li ser issir laqgħa nhar il-ġimgħa mal-librerija reġjonali biex jkun diskuss fejn ser jkun investit dan il-finanzjament.

L-allokazzjoni hija ta' 2500 ewro, u l-finanzjament għandu jintuża biex jinxtraw kotba ġodda, u/jew biex jinxtara tagħmir ġdid bħal xkaffar, kompjuters, awdjo/viżiv, għamara għall-uffiċċju, jew simili. Ir-Reġjun iħeġġeġ lill-libreriji biex jallokaw xi fondi għax-xiri tal-Braille u kotba awdjo.

**REF: 52.3.6 Armar tal-Milied.**
Is-Sindku nforma li apparti li ser nibbenefikaw mis-somma ta' €4,000 mir-reġjun, rċevejna ittra mil-Malta Tourism Authority (MTA), fejn din is-sena l-Ministeru tat-Turiżmu flimkien mal-

Awtorità Maltija għat-Turiżmu u l-Fondazzjoni għaz-Zoni Turistiċi ħarġu skema Tiżjin għal-Milied fil-Lokalità 2022-2023, fejn qed joffru għajnuna finanzjarja u ser nibbenefikaw wkoll min-€5,000 għal-tiżjin tal-Milied.
Is-Sindku żied jgħid li din is-somma ta' €5,000 mil-MTA hija ko-finanzjata, u l-Kunsill jrid joħroġ mhux anqas min €3,000 addizzjonali.

**REF: 52.3.7 Skema ERA CCTV Kameras**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li llum bagħtet tinforma lil-ERA dwar is-siti proposti mil-Kunsill, u fakkret li dawn huma, LIDL, ġibjun ta' Mlit u fil-parkeġġ ta' ġnien l-Għarusa tal-Mosta.

**REF: 52.3.8 Skema Reġjun CCTV Kameras**
Is-Sindku nforma li qed nistennew mir-Reġjun Tramuntana biex jinħareġ it-tender. Is-Sindku fakkar li bħala Kunsill jista' jkollna erba' CCTV kameras, u l-Kunsill kien qabel fuq dawn is-siti; Pjazza Mattew Callus, Triq il-Fortizza, Triq Nicolo Isouard (qabel taqbad Triq it-Tama), u pjazza Rotunda (naħa tal-Mumenti). Jekk ikun hemm il-ħames kamera din teħel Triq il-Kbira fejn tal-pastizzi.

**REF: 52.3.9 Street Luminaires**
Is-Sindku nforma li mar fuq is-sit mas-Segretarju Eżekuttiv, u kien hemm żball fejn il-bozza li ssemmiet fl-aħħar laqgħa mhux fi triq il-Bajtar imma fi triq Gio. C. Dei Marchesi Mallia Tabone. Is-Sindku nforma li hemm kien hemm bozza li s-sid kien qala u ma reġax waħħalha. Din mhux bozza mil-antiki (*street luminaire).*

Is-Sindku żied jgħid li bħala bozoz jixtieq li jiżdiedu tnejn (mhux *street luminaires)*, waħda triq Xorxa u oħra triq Ponsonby.

**REF: 52.3.11 Contract of Service Maid u Handyman Service**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li hekk kif kien mitlub mil-membri fl-aħħar laqgħa, r-rati huma dawn, skond ix-Schedule Grades 2022:

- Senior Foreman Scale 11 - €20,615.98
- Assistant Foreman Scale 13 - €18,074.00
- Cleaner Scale 20 - €10,355.00

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li qed tiċċekkja bħala proċess, biex jsir *contract of service.*
Il-membri preżenti unanimament approvaw li naraw x'hemm bżonn biex jsir *contract of service.*

**REF: 52.3.13 Coaches Turisti**
Is-Sindku nforma li tkellem ma l-arċipriet u Ġovann ilhom jitolbu biex jitlaqqgħu mat-*Traffic Management Committee* (TMC), minħabba li l-*coaches* tat-turisti qed jaqilgħu ċitazzjoni meta jwaqqfu t-turisti quddiem il-knisja.

Il-membri preżenti qablu li l-*coaches* tat-turisti, jkollhom permess li jipparkjaw quddiem il-knisja mingħajr ma jaqilgħu ċitazzjoni, però jekk tiġi *coach* oħra, trid titlaq mil-post, u terġa tiġi lura biex tiġbor it-turisti flok tibqa pparkjata quddiem il-knisja.

Is-Sindku nforma li ntalab post ieħor fejn jistgħu jipparkjaw il-*coaches* tat-turisti għax ġieli jiġu seba' (7) *coaches* u quddiem il knisja u ma hemmx post.

Saret diskussjoni dwar siti oħra, u l-membri preżenti qablu biex issir applikazzjoni ma Transport Malta (TM), biex il-*coaches* jkunu jistgħu jipparkjaw quddiem il-każin Nicolo Isouard u Bażilika ma triq il-pont, mid-9:30am sal 4:30pm.

**REF: 52.4.1 Edukazzjoni u Ambjent**
Il-Kunsillier Borg nforma li flimkien mal-Viċi Sindku żaru l-iskola primarja biex jgħinu l-iskejjel A u B, fejn magħhom marru wkoll żewġ uffiċjali min Ambjent Malta. Din iż-żjara kienet minħabba *ground* li ma għandu xejn, u l-kap ta' l-iskola kellha tkellem lil-Ambjent Malta biex jiddiskutu l-bżonnijiet, però sal-lum ma semgħu xejn min Ambjent Malta, fejn sal-ġimgħa l-oħra l-Kunsillier Borg ipprova jikkuntattja lil-Ambjent Malta, fejn ser ituwhom xi pjanti, dwar il-*ground* għad ma hemmx risposta.

Rigward il-kulleġġ taż-Żokkrija, il-Kunsillier Borg informa li ltaqa mal-kap tal-kulleġġ fejn x'taqu li jkun hemm post għad dell għat-tfal u jinżergħu xi siġar. Kif wkoll Ambjent Malta bħalissa qed taħdem fuq id-disinn biex jsiru siġar fi pjazzetta li hemm. Ġie miftiehem wkoll ma Ambjent Malta u l-Perit tad-dipartiment ta' l-Edukazzjoni biex jinħarġu kwotazzjonijiet għal-gradilji.

Il-Kunsillier Cassar nforma lil-Kunsillier Borg biex ma jinsewx u jsir *maintenance agreement* bejn il-kulleġġ u Ambjent Malta. Il-Kunsillier Cassar staqsa lil-Kunsillier Borg jekk kienx xi darba diskuss biex il-parkeġġ tal-kulleġġ jkun miftuħ għar-residenti fil-għaxijiet. Il-Kunsillier Borg nforma li le, però ser jressaq il-proposta.

**REF: 52.4.2 Trasport Pubbliku – Bidnija**
Is-Sindku nforma li trasport pubbliku qed jinħadem bil-*mini busses.*

**REF: 52.4.6 Ħarġiet tal-Kunsill**
Il-Kunsillier Deguara nforma li l-ħarġa kulturali li saret fl-20 t'Ottubru attendew 40 persuna. Għal festin tal-Milied għal-anzjani, l-Kunsillier Deguara nforma li ser jġib kantant, jkun hemm ftit ikel u xorb. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lis-Sur Deguara biex jagħmel baġit, u jinforma lil-*back office* biex jinħarġu l-Purchase Orders.

Il-Kunsillier Deguara nforma li bħala prezz biex jinxtraw il-biljetti jkunu €3 jew €5. Bħala baġit, il-membri preżenti ħallew f'idejn il-Kunsillier Deguara.

**REF: 52.5.4 Mosta Bridge Lighting – Under**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li ddaħħlet l-applikazzjoni għal dan il-proġett, Proġetti fil-Kommunitajiet LESA.

**REF: 52.5.5 Mosta Bridge Lighting – Above**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li ddaħħlet l-applikazzjoni għal dan il-proġett, Proġetti fil-Kommunitajiet LESA.

**REF: 52.5.6 Bye Law Reklami fuq Għamara ta' Toroq**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li fl-aħħar laqgħa l-membri approvaw li l-prezzijiet tal-Bye Law Reklami fuq Għamara ta' Toroq ippublikati fl-2001, għandhom jkunu riveduti hekk kif inhu ġej:

| Qisien | Dritt Dovut | |
|---|---|---|
| | Xahar | Sena |
| Sa 0.1 metru kwadru | €20 | €200 |
| Sa 1.0 metru kwadru | €50 | €500 |
| Sa 2.0 metru kwadru | €100 | €1,000 |

Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet lil membri preżenti dwar il-qis l-fuq min 2.0 metri kwadri, li bħalissa qiegħed; 'il fuq minn 2.0 metri kwadri - €4.66 kuljum (sakemm dan ma jkunx inqas minn €93.17).

Il-membri preżenti unanimament qablu li reklamar l-fuq min 2.0 metri kwadri mhux permissibbli.

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-minuti tal-laqgħa numru 52.

**53.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku /Korrispondenza**

**53.3.1 Korrispondenza – Talba minn Maxine Ebejer Notch 6 biex titla Notch 7**
Il-membri preżenti approvaw it-talba tas-Sinjorina Ebejer biex minn *notch* 6 titla għal *notch* 7 mit-18 ta' Diċembru 2022.

**53.3.2 Bicycle Racks**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li ntbagħtet l-*feedback* dwar il-*locations*, biex it-Traffic Management Committee (TMC), jikkonferma s-siti mniżżlin fuq l-*excel sheet* li ġiet ippreparata mis-Segretarju Eżekuttiv.

Fit-8:30 waslet il-Kummissarju tal-Ġustizzja u saret sospensjoni ta' l-aġenda biex ngħaddu għal-*item* 53.5.5 Kummissarju tal-Ġustizzja tagħti l-ġurament lill-Kunsillier Anna Galea.

Fit-8:40 saret sospensjoni ta' l-aġenda biex ngħaddu għal-*items* 53.5.2 Update Ingaġġ ta' Office Assistant Helper (CIES), 53.5.3 Update- Ingaġġ ta' Skrivan Skala 15, 53.5.4 Update- Ingaġġ ta' Skrivan Skala 16 u 53.5.6 Infrastructure Malta Road Works 2023-2025.

**53.3.3 Skema ta Għajnuna għal Tiżjin tal-Milied fil-lokalità 2022-2023**
Il-Kunsillier Camilleri nforma li rċevejna mil-MTA fejn ser jagħtuna €5,000 għat-tiżjin tal-Milied. Il-kundizzjonijiet huma li d-dawl kollu tal-Milied irid jinxtgħel mhux aktar tard mil-1 ta' Diċembru 2022 u jintefa mhux qabel is-6 ta' Jannar 2023 u l-Kunsill jrid joħroġ mhux anqas min 60% ko-finanzjar tas-somma, fejn il-Kunsill irid jonfoq mhux anqas min €3,000 b'mod addizzjonali.

Il-Membri preżenti approvaw li napplikaw.

**53.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**
Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera ma kienx hemm.

**53.5 Rapporti**

**53.5.1 Update - Development Funds as at 08.11.2022**

*Update* tal-lista tad-*Development Funds*, ingħatat lil-Kunsilliera fil-*folder* mad-dokumenti tal-laqgħa.

**53.5.2 Update Ingaġġ ta' Office Assistant Helper (CIES)**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat is-Sur Alvin Azzopardi, ta r-riżenja wara ġimgħa. Bagħtna għal-min ġie t-tieni fl-*interview,* però l-applikant infurmana li m'għadux interessat.

**53.5.3 Update- Ingaġġ ta' Skrivan Skala 15**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li rċevejna l-lista ta' kandidati prospettivi *part* 1 mil-Jobsplus, fejn illum ltaqa l-bord biex jiġu evalwati l-applikazzjonijiet li rċevejna, fejn b'kollox applikaw 7. L-avviż biex jintbagħtu applikazzjonijiet kienet sas-27 t'Ottubru 2022.

**53.5.4 Update- Ingaġġ ta' Skrivan Skala 16**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li rċevejna l-applikazzjonijiet tas-sejħa pubblika, fejn illum ltaqa l-bord biex jiġu evalwati l-applikazzjonijiet li rċevejna u jsiru l-*interviews*.
Rċevejna 21, u l-avviż biex jintbagħtu applikazzjonijiet kienet sat-13 t'Ottubru 2022.

**53.5.5 Kummissarju tal-Ġustizzja tagħti l-ġurament lill-Kunsillier Anna Galea**

Quddiem il-preżenza tal-Kummissarju tal-Ġustizzja il-Kunsilliera Anna Galea ħadet il-ġurament għall-ħatra ta' Kunsillier.

Fit 8:45pm is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lil-membri presenti li l-ħin tal-laqgħa daqt jiskadi. Il-membri preżenti unanimament qablu biex il-ħin tal laqgħa jiżdied b'nofs siegħa sad-9:30pm.

**53.5.6 Infrastructure Malta Road Works 2023-2025**

Is-Sindku nforma li sar seminar min Infrastructure Malta (IM), fejn huwa attenda, fejn IM ser jagħmlu programm ta' toroq ta' tlett snin, fejn kull Kunsill ser jibbenefika min 15,000 metru kwadru ta' toroq, kull sena għal tlett snin. Ix-Xogħol jinvolvi bankini tal-konkos, bini tat-triq u tarmak, imma ma jinkludix *storm water culverts.* Bħala servizzi Enemalta u WSC ser jħallsu ix-xogħol huma min naħa tal-entitajiet.

Is-Sindku nforma li ser jipprepara lista ta' toroq, jiddiskutuha mat-Traffic Management Committee u jiċċirkola l-lista bejn il-membri tal-Kunsill, u fakkar li din il-lista trid tintbagħat qabel il-laqgħa li jmiss għax hemm ċans biss sa l-aħħar ta' Novembru, u talab lil-membri biex jibgħatu l-*feedback* tagħhom. Is-Sindku nforma wkoll li t-toroq magħżulin jrid jkun hemm 80% tal-bini, u f'każ li jkun hemm bżonn ta' esproprjazzjoni IM possibbilment jagħmluha.

Is-Sindku nforma li fejn il-Kunsill jixtieq jtejjeb l-ambjent f'toroq wesgħin, bħal *bicycle lane, segregated lanes* biex in-nies jimxu u *landscaping*, dik issir min IM u ma titnaqqasx mil-metraġġ imma hemm metodu kif tinħadem

**53.5.7 Update Traffic Management Plan**

Is-Sindku nforma lill-membri preżenti u qassam il-pjanta (Appendiċi A), dwar it-*traffic Management* permanenti ġewwa l-Mosta, biex tinstab soluzzjoni u triq Kungress Ewkaristiku tibqa *one-way* permanenti bil-vetturi jidħlu lejn il-Mosta, u bosta toroq residenzjali li jridu jinbidlu id-direzzjoni tagħhom.

Is-Sindku spjega fuq il-pjanta d-direzzjonijiet tat-traffiku u nforma li din hija finali minn naħa ta' Traffic Management. Din il-proposta waslu għalija wara diversi laqgħat u wara ħafna diskussjonijiet. Jista' jkun li fadal xi ftit tibdiliet, imma bħala prinċipju hija approvata, u kull ma fadal hija li mmorru għall-konsultazzjoni pubblika.

Is-Sindku spjega wkoll l-pjanta dettaljata tal-pjazza kif proposta minn IM wara diskussjonijiet li huwa kellu magħhom. Saru tlett reviżjonijiet wara li kull verżjoni ġiet diskussa fit-*Traffic Management Board* u wara dejjem is-Sindku mar lura IM biex isiru l-emendi meħtieġa kif ikunu pproponew fl-istess bord. Issa hemm pjanta maqbula finali li biha nistgħu mmorru konsultazzjoni pubblika. Din il-pjanta ġiet maqbula mill-membri ta' traffic management tal-Kunsill u għalhekk issa qed tiġi preżentata lill-Kunsilliera. Sadanittant jekk il-membri tal-Kunsill jaqblu ma din il-proposta u l-pjanta tal-pjazza, il-kunsill ikun jista jinforma lill-IM ħalli jtellgħu din il-pjanta fit-Traffic Management Bord ta' TM u wara anke jsir *Road Safety Audit* jekk ikun mitlub ħalli b'hekk ma jintilifx żmien minħabba li x-xogħol minn IM ser jinbeda fil-bidu tas-sena 2023.

Il-membri preżenti approvaw il-pjanti biex jmorru għal konsultazzjoni pubblika. Gie mqassam sett pjanti mis-Sindku li jinkludi Traffic managemet għall-Mosta globali kif inhu u kif propost, junction ta Indipendenza, pjanta tal-pjazza, rotot tas-servizz pubbliku u pjanta tal-bus stops proposti. Dawn qed jiġu annessi mall-minuti bħala Doc A. Dan huwa xogħol li sar kollu mit-Traffic Management bl-għajnuna ta IM fejn jidħol disinn ta' *junctions*. Hekk frankajna flus billi ma użajniex is-servizz tal-perit privat tal-Kunsill.

**53.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni**

**53.6.1 Skeda ta Pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill, l-iskeda ta' pagamenti numru 132.

Il-membri tal-Kunsill approva b'mod unanimu l-iskeda ta' pagamenti datata 1 ta' Settembru 2022 sal-4 ta' Ottubru 2022, ħlief għal referenza 3290 bl-ammont ta' €8,169.84. Dwar it-toqob tan-nar Il-Kunsillier Cassar qal li ma jistax jkun li saru it-toqob għal-arbli tan-nar għax ma hemmx 44 toqba, u għalhekk ġie mitlub sabiex l-pagament jinżamm *on hold* sakemm dan ix-xogħol jkun ikkonfermat li sar.

**53.6.2 Purchase Orders**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-*purchase orders.*

Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**53.6.3 Works Orders**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-*works orders*.

Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**53.6.4 Petty Cash**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-listi tal-*petty cash.*

Il-membri tal-Kunsill approvaw b'mod unanimu il-listi tal-*petty cash* li jkopru xahar ta' Awwissu 2022. Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**53.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fid-9:50pm ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għas 6 ta' Diċembru 2022 fis-6:00pm.

Konfermati llum 8 ta' Novembru 2022.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Chris Grech | Lorraine Templeman |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |